MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Numru. 239/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Mary Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Mary Schembri ta' 20 sena, bint Joseph u Sarah nee Lucci, imwielda l-Italja fil-31 ta' Mejju 1988, residenti "Gardenia", Triq is-Sliem, Marsaskala, detentrici tal-karta ta' l-Identita numru 390896 (M)

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Jannar 2009 u matul dawn l-ahhar sentejn:

Kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi praprazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, li hija ikkoperat mal-pulizija, li l-fedina penali taghha hija netta, li d-droga ma nstabitx fil-pussess ta’ l-imputata imma l-kaz iserrah biss fuq l-istqarrija taghha lill-pulizija, fejn ammettiet li sena qabel kienet hadet nifs minn joint tal-cannabis.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat

iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputata il-portata ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------